Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 183/2016

Il-Pulizja

Vs

Simon Cutajar

Illum 3 ta' Novembru, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Simon Cutajar detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 401566 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xahar ta' Settembru, 2015 fil-Gzejjer Maltin;

1. Naqas milli jaghti lil Antoinette Debono, is-somma ta' mitt ewro bhala parti minn mitejn u hamsin ewro, ffissata min din il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 t' April, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundanatu ghal gimghatejn detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Simon Cutajar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 t' April, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha, thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u cioe dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-4 t' April, 2016 u konsegwentament tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tirriduci l-piena li ghaliha kien soggett mill-Ewwel Qorti u tikkundanna ghal piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Simon Cutajar huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Dwar il-Mertu.
Illi l-appellant jibda billi jghid li kieku jaf li veru naqas milli jhallas mitt ewro minn dak li huwa obbligat ihallas skond digriet tal-Qorti, kieku ma kienx jikkontesta, izda jaqbad u jhallas dak dovut. Sa' llum il-gurnata huwa ghandu kollox mhallas u m' ghandux problemi u lanqas rapport pendenti.

Illi l-appellant ipprezenta kopja ta' zewg cekkijiet tal-valur ta' mija u hamsin ewro l-wiehed li thallsu lill-kwerelanta f' Settembru. Jigifieri b' hekk kien ippruvat li fix-xahar ta' Settembru, l-appellant hallas is-somma ta' tlett mitt ewro u ghalhekk, gie li l-appellant hallas tlett mitt ewro fix-xahar ta' Settembru, 2015.

Illi dak l-ammont li l-akkuzat ikun hallas ghandu jitqies li jkun hallas ghal dak il-perjodu fejn huwa kriminalment akkuzat. Ma thalla l-ebda dubju li l-

appellant hallas tlett mitt ewro fix-xahar ta' Settembru, 2015 u ghalhekk, m' hu minnu xejn li huwa hallas inqas minn dak li kien dovut ihallas.
Illi stranament, l-Ewwel Qorti kienet konvinta li l-appellant hallas din is-somma ghall-manteniment tax-xahar ta' Lulju, 2015, izda bid-dovut rispett, ix-xahar ta' Lulju ma jinkwadra imkien f' dawn il-proceduri.
Illi li kieku veru li sa Settembru, 2015 l-appellant kien ghadu ma hallasx il-manteniment ta' Lulju, 2015, kieku l-kwerelanti kienet taghmel rapport, u rapport ma sarx. Imkien ma hareg mill-provi li l-kwerelanti ghamlet rapport talli ma thallasx il-manteniment tax-xahar ta' Lulju.
Illi inutli tigi quddiem il-Qorti u tipprova tpingi storja li dak li thallas f' Settembru kien ghax-xahar ta' Lulju, u anke li kieku, dak li thallas f' Settembru ghandu jitqies li thallas ghal dak il-perjodu fejn huwa kriminalment akkuzat.
Illi li kieku veru li t-tlett mitt ewroli thallsu f' Settembru kienu ghax-xahar ta' Lulju, kieku kien jonqos itiha mitejn ewro ghax-xahar ta' Settembru u mhux mitt ewro u dan juri minghajr ebda dubju li l-kwerelanti m' ghandiex ragun.

Dwar il-Piena.

Illi l-piena f' dan il-kaz hija wahda eccessiva.
Illi anke li kieku l-Qorti, mill-provi li tressqu, kienet konvinta li l-appellant kien ghad baqghalu jhallas mitt ewro minn somma akbar ta' mitejn u hamsin ewro manteniment, gimghatejn detenzjoni hija piena wisq harxa, specjalment meta anke wiehed iqis li l-appellant qatt ma kellu precedenti.
Illi mill-provi prodotti, il-Qorti ma setghet qatt kienet konvinta li l-mitt ewro ma thallsitx, anzi l-Qorti kienet certa li f' Settembru 2015 thallas l-ammont ta' tlett mitt ewro. Huwa ghalhekk, li l-appellant umilment jemmen li ma kellux jinstab hati u konsegwentament kellu jkun liberat.
Illi anke jekk il-Qorti kien ghad fadlilha xi dubju kellu jmur favur l-appellant.

Ikkunsidrat,

Illi fil-mori tal-appell l-appellant hallas il-manteniment dovut u kwindi ghalhekk din il-Qorti serja tghaddi biex tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn din sabet htija fl-appellanti mandakollu fid-dawl tal-fatt illi l-appellant hallas l-ammont dovut hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn din sabet htija fl-appellant u tvarja l-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal zmien sena.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur